# Lectio Divina
## It-3 Ħadd ta' Matul is-Sena
## Sena Ċ

### Lq 1,1-4; 4,14-21

Żewġ 'bidu': il-bidu tal-Vanġelu u l-bidu tal-ministeru ta' Ġesu' fis-singoga ta' Nazaret. L-ewwel bidu huwa marbut mal-opra ta' Luqa (1,1-4) u t-tieni bidu(4,14-21) huwa l-oġġett ta' din l-opra.

**"Bosta kienu dawk li ħadu f'idejhom ix-xogħol li jiġbru bl-ordni f'rakkont wieħed il-ġrajja li seħħu fostna, kif għaddewhom lilna dawk li sa mill-bidu rawhom b'għajnejhom stess u saru ministri tal-kelma." (v.1-2)**

Luqa jibda l-evanġelju tiegħu bi prologu, drawwa lettarja komuni fost l-istoriċi klassiċi griegi. Il-'bosta' huma nies ta' min jemminhom għaliex għaddew dak li huma wkoll kienu rċivew minn xhieda li kienu raw u semgħu, jiġifieri l-appostli (ara Atti 1,8). B'dak li kiteb Luqa jrid juri l-verita' ta' ħajja mgħixa. L-iskop tar-rakkont huwa biex jagħmilna kontemporanji mal-Mulej f'dak li qed iseħħ. Infatti li taqra l-Vanġelu jfisser li tqiegħed lilek innfisek fl-istorja ta' Ġesu' biex tkompli n-narrazzjoni permezz tal-ħajja tiegħek.

B'differenza mill-użanza ta' żmienu, l-awtur ma jsemmix ismu: dan biex l-enfasi tingħata lit-tradizzjoni apostolika li qiegħed jiġbor.

**"Hekk ukoll jien, għażiż Teofilu, wara li bir-reqqa kollha qgħadt infittex it-tagħrif dwar kull ma ġara sa mill-bidunett, deherli li għandi niktiblek kollox ħaġa b'ħaġa, biex tagħraf sewwa l-verità sħiħa dwar kull ma tgħallimt." (v.3-4)**

***"Hekk ukoll jien":*** Luqa jpoġġi lilu nnifsu fost l-insara tat-tieni ġenerazzjoni, dawk li ma kenux sa minn mindu beda jaħdem u jgħallem Ġesu' (ara Atti 1,1-2).

***"għażiż Teofilu"***: Il-kittieba klassiċi kellhom id-drawwa li jiddedikaw l-opra tagħhom lil dik il-persuna li tisponsorja l-opra tagħhom. L-opra kollha hija dedikata lil Teofilu, probabbli huwa dak li ħallas għall-opra. Mindaqstant Teofilu huwa isem li jfisser

”maħbub minn Alla” jew ”il-maħbub t’Alla”, u jsir xbieha ta’ kull qarrej li huwa maħbub minn Alla jew li jħobb lil Alla, il-figura ta’ kull min jaqra l-kelma.

**"Ġesù, bil-qawwa ta' l-Ispirtu, reġa' mar il-Galilija; u l-fama tiegħu xterdet ma' dawk l-inħawi kollha, għax hu kien jgħallem fis-sinagogi tagħhom fost it-tifħir ta' kulħadd." (v.14-15)**

***"bil-qawwa ta' l-Ispirtu"*** **:** Mill-magħmudija ta’ Ġwanni fil-Ġordan (ara 3,22), Ġesu’ jirritorna l-Galilija fejn kien għadda t-tfulija tiegħu f’sottomissjoni għall-ġenituri. Jirritorna hemm b’attitudni ġdida li għandha l-fundament tagħha fl-Ispirtu profetiku li kien irċieva u li kien ser jibqa’ jakkompanjah..

**“U ġie Nazaret fejn kien trabba. Daħal fis-sinagoga tagħhom, kif kien imdorri jagħmel nhar ta' Sibt, u qam biex jaqra.” (v.16)**

Jekk Ġesu’ kien is-soltu jmur fis-sinagoga nhar ta’ Sibt, għall-ewwel darba jingħad li qam biex jaqra. Jingħata l-ktieb ta’ Isaija u dan juri li l-qari mill-ktieb tat-Torah (il-Liġi) kien diġa’ seħħ tul dik il-liturġija. Is-siltiet mill-profeti kienu iservu ta’ kummentarju għas-silta mill-ktieb tal-liġi.

***"Qam biex jaqra”:*** Ġesu’ jieħu l-inizjattiva. Huwa Alla nnifsu li b’mod gratuitu ser jieħu l-inizjattiva biex jeħles minn kull tip ta’ jasar (tema li Luqa juża fil-kumplament tal-Vanġelu). Kull adult raġel seta’ jaqra u jagħmel l-omelija. Normalment dan kien isir mill-kap tas-sinagoga.

**"Tawh f'idejh il-ktieb ta' Isaija l-profeta, fetħu u sab fejn kien hemm miktub dan li ġej:" (v.17)**

Ġesu’ jiftaħ il-ktieb u jagħlqu, jaqrah u jwettqu, kif jgħanni l-Apokalissi: “Int jistħoqqlok tieħu l-ktieb u tiftaħ is-siġilli tiegħu...” (5,9). Il-kelma t’Alla tibqa’ ssiġillata u ma tiftiehemx jekk mhux fi Kristu li jwettaqha kollha. Luqa ma jgħidx li Ġesu’ beda jaqra, biex l-attenzjoni ma taqax fuq dan il-ġest, iżda fuq dak li ser jiġri wara.

**"u sab fejn kien hemm miktub" :** L-azzjoni tal-Ispirtu tippreżenta ruħha wkoll taħt forma ta’ profezija biblika. Luqa ma jgħidx li Ġesu’ qabad ifittex fis-silta. L-Ispirtu urieh x’għandu jaqra lill-assemblea miġbura.

**“'L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani, bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, u d-dawl mill-ġdid lill-għomja, inrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej.'” (v.18-19)**

***'L-Ispirtu tal-Mulej fuqi'*:** Għal Luqa kemm Kristu kif ukoll il-Knisja jibdew il-ministeru tagħhom permezz ta' magħmudija fl-Ispirtu s-Santu. Ġesu' huwa mmexxi mill-Ispirtu s-Santu, kif l-istess baqgħet miexja l-Knisja wara l-Pentekoste. L-azzjoni tal-Ispirtu s-Santu għandha bħala effett prinċipali l-liberta', il-ħelsien.

Waqt li Ġesu' qed iħabbar il-Kelma, huwa jilqagħha bħala kelma indirizzata lilu u jobdiha b'mod radikali: dak li hemm miktub huwa dak li huwa qiegħed jgħix u ser jgħix fil-ministeru tiegħu.

Ġesu' jaqra minn Isaija 61,1-2 imma jħalli barra l-aħħar parti tal-vers 2: “biex inniedi.... jum il-vendetta ta' Alla tagħna; biex infarraġ lill-imnikktin”. Is-salvazzjoni ta' dawk foqra u maħkuma ma sseħħx permezz tal-vendetta fuq l-għedewwa tagħhom, imma sseħħ permezz tal-kelma.

**“Mbagħad raġa' għalaq il-ktieb, tah lura lill-qaddej u qagħad bilqiegħda. Għajnejn kulħadd fis-sinagoga kienu msammra fuqu.” (v.20)**

Kull Imgħallem wara l-qari kien joqgħod bilqiegħda fejn kulħadd jistenna mingħandu kelma jew ġest. Ġesu' jidħol fir-ripetitivita' tal-ġesti liturġiċi: jieħu l-ktieb, jiftħu, jaqra minnu, jerġa' jagħalqu..... kif ukoll 'is-soltu' tal-ġurnata tas-sibt, tas-sinagoga, tal-qari mill-ktieb. Huwa l-Ispirtu s-Santu li jagħti l-ħajja dak li jista' jirrendi ruħu bħala abitudni: dak li huwa ripetut isir attwali. Kelma tal-passat permezz tal-proklamazzjoni f'azzjoni liturġika ssir kelma ħajja, kelma indirizzata għal kull min qiegħed jisma'.

***“Għajnejn kulħadd fis-sinagoga kienu msammra fuqu”*:** L-għajnejn huma fuqu għax issa l-kelma ssir laħam u l-ktieb isir ġrajja/storja.

**Din l-istuttura konċentrika (sensiela ta' azzonijiet li jwasslu għal azzjoni ċentrali u mbagħad jerġgħu jsiru bil-maqlub) tpoġġi u tagħti importanza lis-silta mħabbra:**

**a)** Qam biex jaqra **a)** u qagħad bilqiegħda
**b)** tawh f'idejh il-ktieb ta' Isaija l-profeta **b)** tah lura lill-qaddej
**c)** u, waqt li beda jħoll il-ktieb **c)** kebbeb il-ktieb
**d) sab fejn kien hemm miktub dan :**

**"U beda jgħidilhom: "Din il-kitba seħħet illum, intom u tisimgħu." (v.21)**

***'Din il-kelma seħħet illum':*** Qed jgħid li dik il-kelma kienet moqija u proklamata fl-Ispirtu s-Santu. Infatti s-silta ta' Isaija tibda bil-kelmiet: 'Ispirtu s-Santu fuqi'. Għalhekk hemm differenza bejn ixxandar il-kelma u xxandar il-kelma fl-Ispirtu s-Santu.

Il-Kelma tal-Vanġelu, fil-mument li hija mħabbra mill-Ispirtu, twettaq dak li tħabbar. Wara li qed jaqra s-silta' ta' Isaija, Ġesu' ma jikkummentahiex, imma jagħmel iżjed minn hekk: jafferma t-twettiq tagħha. Jikkonfermaha u jattwalizzaha fih. Ifisser li l-Kelma waqt li qed tiġi proklamata u mismugħa, f'dak il-mument stess qed turi l-qawwa tagħha. Il-Kelma titwettaq meta mbuttata mill-Ispirtu s-Santu tinqara bi Kristu, fi Kristu u ma' Kristu u mhux sempliċament meta wieħed jagħmel esiġeżi tagħha. B'dal-mod il-qari tal-Kelma permezz tal-Ispirtu s-Santu jatwalizza l-istess Kelma, jagħmel preżenti s-Saltna t'Alla fostna.

Il-kitba ssir Kelma ħajja meta ngħarfu li dik il-kelma tafna tassew, tinterpretana, timbuttana, tagħtina direzzjoni, titkellem magħna. Huwa l-'illum' tas-salvazzjoni tagħna meta l-kelma li nisimgħu tferraħna u ddawwal id-dlam tagħna: meta din il-kelma tiftaħ għajnejn il-għomja, teħles lill-ħabsin, tagħti tama lill-foqra u teħlishom mix-xewqa tal-vendetta, anke kontra l-persuna nfisha. Dak li Ġesu' qed iħabbar huwa l-ħniena t'Alla: Alla li jaħfer, jeħles, ifejjaq, ixandar il-Vanġelu. U fl-istess waqt huwa nnifsu jsir il-maħfra, il-ħelsien, il-fejqan, il-Vanġelu. Dan huwa li jagħmel il-proklamzzjoni tal-Kelma sseħħ 'illum'. Ġesu' ħaj għadu jwettaq kull tip ta' ħelsien permezz tal-Kerygma (ara 6,20-22; 7,22; 14,13.21...). Luqa jsemmi biss dawk il-mumenti meta Alla jieħu grazzja mal-bniedem, hekk li l-azzjoni tiegħu ssir 'sena ta' grazzja'.

Fl-aħħar tal-Vanġelu tiegħu Luqa jagħti eżempju tat-twettiq tal-Kelma: id-dixxipli ta' Għemmaws huma u jisimgħu l-Kelma minn 'dak il-pellegrin' ħassew bidla fil-qalb tagħhom: "ma kenitx imkebbsa qalbna huwa u jfissrilna l-Iskrittura?" (24,32). It-tkebbis tal-qalb huwa sinjal ieħor tal-qawwa vitali li toħroġ mill-istess Kelma. Il-Kelma hija kapaċi

li ċċaqlaq il-qalb, li timlieha bil-motivazzjonijiet profondi waqt li tfejjaqha mill-feriti tal-ħajja. Id-dixxipli ta' Għemmaws ħassew lil qalbhom issir qalb umana, qalb imfejqa mhux iktar qalb tal-ġebel. Il-Kelma twettaq dak li jħabbar Eżekjel: "nagħtikom qalb ġdida..." (36,26).